MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1111/2001/1

**Charles Borg proprio u ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Zo'Diac Furniture ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**vs**

**John u Mary konjugi Curmi**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' April, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' erba' u hamsin Lira (Lm450);

Sema' x-xhieda tal-attur;

Ra li l-konvenut naqas li jipprezenta provi dwar l-allegazzjonijiet tieghu fin-nota ta' eccezzjonijiet ;

Billi jirrizulata li t-talba attrici hija fondata;

Sema lill-Charles Borg jikkonferma billl-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Sema lill-Charles Borg jikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif dedotta bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi."

Appellaw minn din is-sentenza l-konvenuti bl-aggravju illi t-Tribunal adit ma tahomx opportunita' jressqu l-provi taghhom. Fi kliem iehor l-appellanti qed jissollevaw il-principju fundamentali ta' gustizzja naturali msejjes fuq id-dritt tal-"audi alteram partem".

Appell bhal dan ma huwiex irritwali u hu konsentit dejjem, anke fil-kaz ta' l-Att li kkreja dan it-Tribunal specjali (Kap 380). Dan kif hekk inhu ovvju mill-interpretazzjoni li tinghata lill-Art 8 (2)(d) tieghu.

Intqal fis-sentenza "**Saviour Farrugia noe –vs- Anthony Wismayer**", Appell, 25 ta' Gunju 1997 illi "*l-Qorti ma tonqosx li thares id-dritt ghal smiegh xieraq u taghtih sostanza fil-prattika billi tassigura illi l-kawzi jsiru kif dan id-dritt fondamentali jesigi. Li jfisser li din il-Qorti ghandha d-dover tassigura li l-ligijiet tal-procedura jservu biex jaghtu u jassiguraw l-opportunita` shiha lil persuna citata biex tiddefendi ruhha u mhux iservu bhala skuzanti biex il-process ma jsirx jew isir sommarjament billi tinstema' l-parti wahda u mhux l-ohra. Mill-banda l-ohra pero' ghandu jkun car ghal kulhadd li l-osservanza tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat mhux biss l-ordni fil-kondotta tal-kawza imma wkoll ir-regolarita` tal-proceduri b'mod li jigi evitat li ssir ingustizzja mal-kontro-*

*parti kif ukoll ma' haddiehor li jigi pregudikat b'konsegwenza tal-mod ingustifikat kif ikun qed jigi intralcjat ix-xoghol tal-Qrati. Ingustizzja li tista' ssir ukoll bin-nuqqas ta' interess manifest ta' xi parti fil-kawza jew bir-rifjut taghha li tosserva d-digrieti tal-Qorti.*"

Issa fil-korp tar-rikors ta' l-appell taghhom l-appellanti ma jaghtux stampa preciza ta' l-iter processwali quddiem it-Tribunal. Anzi, ma jaghtu stampa xejn. Dan in-nuqqas kapaci kien jissarraf fl-ovvju ghalihom ukoll. Dan ghaliex kieku ghamlu dan kien jidher li huma ripetutament naqsu milli jipproducu x-xhieda taghhom anke meta l-kawza thalliet espressament mit-Tribunal ghal dan il-fini.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, t-Tribunal, - li gie mil-legislatur appozitament mahluq biex propju l-kawzi jitmexxew bi speditezza li tkun ukoll kompatibbli ma' l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja, - kien pjenament gustifikat li jippronunzja s-sentenza fin-nuqqas tal-provi tal-konvenuti ghaliex, attiz dejjem il-hsieb fis-sentenza precitata, mhux lecitu li ghan-non-kuranza tal-parti jigu pregudikati d-drittijiet tal-kontro-parti.

Is-segwenti aspetti ta' l-iter processwali qed jigu hawn rilevati biex proprju jigi sottolinejat il-grad ta' dan in-nuqqas ta' interess mill-appellanti:-

1. <u>28 ta' Novembru 2001</u>. Xehed l-attur u l-kawza thalliet ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet;
2. <u>10 ta' Dicembru 2001</u>. L-attur iddikjara li ma kellux provi ohra. Il-konvenut imsejjah tlett darbiet ma deherx. Aktar tard deher l-avukat tieghu li talab differiment, mhux oggezzjonat, ghall-provi tal-konvenut.
3. <u>6 ta' Frar 2002</u>. L-avukat tal-konvenut talab differiment billi kien impenjat f'guri. Il-kawza giet ghalhekk differita <u>ghall-ahhar darba</u> ghall-provi kollha tal-konvenut.
4. <u>28 ta' Frar 2002</u>. Deher l-avukat tal-konvenuti u talab differiment ghax il-klijent tieghu ma setax jattendi. Nonostante opposizzjoni tal-avukat tal-kontroparti l-kawza giet differita mill-gdid ghall-provi tal-konvenut bl-intiza li jekk ma jidherx il-kawza tibqa' ghas-sentenza.

5. 17 ta’ April 2002. Isejjah il-konvenut izda dan baqa’ ma deherx. Il-kawza ghalhekk giet deciza.

Jidher bil-wisq car minn dawn il-verbali illi t-Tribunal akkorda kull opportunita` lill-konvenuti biex dawn jiddefendu l-kaz li fih gew citati. Jekk huma baqghu inadempjenti ma jistghux, u ma ghandhomx dritt, jilmentaw illi gie lilhom lez id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq.

Sewwa ferm irragunat il-Qorti ta’ l-Appell, Sede Kummerc, fil-kawza “**Joseph Falzon –vs- Anthony Debono nomine**”, 13 ta’ Jannar 1975:-

“*Din il-Qorti ma tirravvizax fil-mod kif gew kondotti l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti xi irritwalita` jew xi ksur tal-principju “audi alteram partem”. Dak il-principju ma jimportax illi f’gudizzju huwa imprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cjoe kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanza tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista’ jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni ta’ kawza billi jibqa’ passiv jew jipprokrastina indefinittivament*”.

“*Ghall-finijiet procedurali hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita’ bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smiegh ta’ provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa’ ma jgibx ’il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F’dan l-ahhar kaz “imputet sibi”.*”

Dan it-taghlim hekk awtorevoli jghodd indiskutibilment ghal kaz in ezami fejn it-Tribunal ghandu mansjoni differenti minn dik ta’ qorti. Dan aktar u aktar fil-perspettiva ta’ dak stipulat fl-Art 9 (2) tal-Kap 380 li inter alia jrid li min jippresjedi fuq it-Tribunal “*ghandu jizgura li*

*kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smiegh tieghu, u li dak is-smiegh ma jtulx aktar minn seduta wahda*". Kull kumment oltre l-kliem car tal-ligi jkun superfluwu.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------